# Ir-Restawr tal-pittura fil-koppla tal-Kolleġġjata ta' S. Elena

Can. Vinc.Buhagiar

Meta l-Kapitlu ta' Santa Liena ried ipitter il-knisja tiegħu ħasibha darbtejn. Fl-aħħar tas-seklu l-ieħor huwa nkariga lill-pittur Giuseppe Calì (1846 - 1930) biex isebbaħ is-saqaf u l-abside tal-kor bil-pittura taż-żejt. Huwa lesta l-arzella bil-figura ta' Santa Liena tqim is-Salib ta' Sidna Ġesù Kristu merfugħ minn anġlu, imdawra mis-seba Arkanġli, fil-waqt li fuq il-ġenb tal-lemin id-demonju jidher jitgerbeb għal ġo l-infern; il-pittur lesta wkoll partijiet oħra mis-saqaf tal-kor. Iżda però l-kapitlu biddel l-idea tiegħu u flok pittura biż-żejt riedha li ssir bl-'affresco'. Calì għalkemm kieħ jinqala' f'dan ix-xogħol ma riedx jindaħal għaliha. Kellu r-raġunijiet tiegħu. Madankollu x-xewqa ta kulħadd kienet li jara l-knisja tal-parroċċa mżejna b'opra stupenda li tibqa għal dejjem. Wara l-preparativi kollha meħtieġa, fl-1906 inbeda x-xogħol tal-affreski. Tlestiet l-ewwel il-koppla bil-figura dominanti u majestuża ta' Kristu bħala mħallef bis-Salib tal-passjoni merfugħ fuq idejn anġlu jittajjar. Intgħoġob u kompliet kebset qlub il-Karkariżi biex jarawha mitmuma. Il-pittura tal-knisja kollha tlestiet fl-1910.

Għalhekk din is-sena għalqet ħamsa u sebgħin sena sewwa. Ma tul dan iż-żmien dehru xi konsenturi fil-koppla u allura l-ġebla ma kienetx protetta biżżejjed biex tippreserva l-affreski mill-ħsarat ikkaġunati mill-elementi tas-sajf u tax-xitwa. Ħamsa u għoxrin sena wara li tlestiet kellha bżonn tiġi restawrata. Dan ix-xogħol ta' rtokk sar fl-1926. Imma xorta waħda baqgħu jinħassu dawn l-elementi qerrieda tal-'affresco', u l-gwerra kompliet tkabbar il-ħsara. Il-ħsara kull ma jmur dejjem bdiet tikber. Saru xi tentattivi biex tiġi restawrata, imma kellhom jgħaddu s-snin biex dan ix-xogħol seta' jseħħ.

Il-Kapitlu ltaqa' biex b'urġenza jibda jsir ir-restawr bl-iktar mod xjentifiku u effiċjenti, u ħa l-passi kollha meħtieġa biex kollox imur tajjeb.

Nies ta' l-arti ġew jaraw din il-pittura u saru konsultazzjonijiet biex jinkiseb l-aħjar riżultat, b'hekk il-Kapitlu seta' jserraħ rasu ħalli r-restawr jirnexxi u l-poplu jerġa' igawdi l-ġmiel ta' din l-opra grandjuża. U billi l-Kapitlu kien diġa ħaseb biex jibda jiġbor il-fondi meħtieġa, fit-23 ta' Ġunju 1983 iddeċieda li jżarma l-armar tal-injam li kienu ilu s-snin armat fil-koppla u mill-ġdid isaq-

qaf bit-travi tal-ħadid u twavel tal-injam u jtella' armar ieħor li jlaħħaq mal-volta tal-koppla. Kollox sar bil-ħsieb. B'hekk wieħed seta' jeżamina aħjar mill-viċin il-kwalità ta' affresko u l-ħsara li kien hemm. Il-ħaddiema b'ħeġġa kbira armaw u tellgħu f'postu kull ma kien meħtieġ. Ta' min ifaħħarhom u jirringrazzjahom bil-qalb għall-ħidma tagħhom.

Il-pittur Samwel Bugeja ġie mistieden jara l-pittura u jgħamel l-osservazzjonijiet tiegħu. Wara li lesta l-istudju flimkien ma' ibnu Ġiuseppi, perit, iltaqa' mal-Kapitlu u ġie ittrattat kollox bir-reqqa. L-argument kien ta' nteress kbir għal kulħadd. Il-ħsara kienet allarmanti u estensiva kkaġunata mill-ilma li daħal mill-konsenturi ta' barra. Dawn il-konsenturi setgħu ġew kaġunati minn terremoti, tgħeżżiż tal-bombi tal-gwerra (1939-1945) jew anki minn ċediment tal-bini stess. L-ilma huwa l-għadu tal-'affresco' li minħabba fih l-intonaku jitlef ir-rabta tiegħu mal-ġebla u l-wiċċ ta' l-affresko jibda jitfi l-kulur. Hija ħaġa li tistenniha li l-intonaku jaqa'. Hemm difatti kemm ir-roqa mdaqqsa nieqsa fil-koppla.

Il-pittura fis-sena 1926 kienet ġiet irtokkata mill-assistent tal-pittur Virginio Monti li huwa l-awtur tagħha. Barra mill-ħsara ta' l-ilma anki l-istukkjar li sar fil-fili tal-konsenturi kien ineffiċjenti għax mhux biss intlew il-fili imma tgħattiet xtrixxa żgħira fuq kull naħa tal-fil b'materjal iebes ħafna. Issa dan biex jinqala' bil-fors issir ħsara oħra fil-pittura oriġinali; dan irid jibqa hemm imma jiġi rtokkat b'mod li ma jkunx jidher. Barra minn hekk ġew miżjuda xi kuluri oħra li għattew l-oriġinali, dawn jistgħu faċilment jitneħħew; hemm ir-tokki oħra li saru biż-żejt u bil-paċenzja dawn ukoll jiġu mneħħija għax l-affresko qatt ma għandu jiġi rtokkat biż-żejt.

Ix-xogħol mela se jsir bl-ikbar skruplu biex il-kuluri kollha, anki dawk li jinsabu fil-periklu, jerġgħu jintrabtu fis-sod u titwaqqaf il-marda li teżisti. B'mod tassew xjentifiku l-intonaku bil-kulur jinqala' minn mal-ġebla, jitnaddaf u jerġa jitwaħħal f'postu u ma jintilef xejn min dak li hemm.

Il-kapitlu eżamina x-xogħol u l-proċedura meħtieġa għar-restawr kif ukoll l-istima tal-pittur biex iwettaq dan l-inkarigu. Għalhekk deħrlu li huwa soddisfatt mill-prova li l-pittur Samwel Bugeja ta tal-kapaċita tiegħu fir-restawr u ddeċieda li dan il-pittur ikompli jesegwixxi x-xogħol mibdi minnu.

Is-soġġett impitter fil-koppla huwa l-Ġudizzju Universali: hawn tidher ir-rebħa aħħarija tas-Salib li fuqu Ġesù Kristu miet biex id-dinja ssalva. Hawn mhux il-patibolu tal-għajb imma s-sebħ tal-glorja tas-Salib tidher meta Ġesù Kristu jitfaċċa bħal mħallef ġust tal-ħajjin u tal-mejtin. Il-koppla fiha tmien flieli b'episodji marbutin flimkien. Fl-ewwel wieħed naraw lil S. Mikiel Arkanġlu.

u anġli oħra biż-żarżir tat-trombi jqajmu l-mejtin: it-tajbin imorru fuq il-lemin u l-ħżiena fuq ix-xellug, fuq in-naħa l-oħra jidher is-Salib u l-għodda tal-passjoni merfugħa minn idejn l-anġli, 'l fuq jidher Kristu mħallef iħares fuq ix-xellug u jkeċċi l-ħżiena, li malli jaraw is-Salib jippruvaw jistaħbew, imma l-anġli bix-xwabel tan-nar iressquhom lejn l-abissi tan-nirien. L-istess figuri tan-nies ħżiena jfissru l-irjus tad-dnubiet mejta, u fil-waqt li dawn jippruvaw jintefgħu fl-infern l-anġli jżommuhom għas-sentenza li tistooqqilhom. Fuq il-lemin naraw il-magħżulin, li xi wħud iqimu lis-Salib ferħana bil-palma f'idejhom huma mressqin mill-anġli lejn il-Feddej. F'livell ma' Ġesù fuq il-lemin u fuq ix-xellug nilmħu l-familja tiegħu u Santa Liena tqim is-Salib, imbagħad is-Slaten Maġi li għarrfu 'l Ġesù. Aktar 'il fuq naraw it-tnax il-Appostlu jifformaw kuruna madwar Ġesù. Il-kustilji tal-koppla fihom palm indurat,trombi u sittax il-serafin bl-emblemi tal-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

Kif qegħdin taraw l-interess ta' kulħadd jixhed il-premura li r-restawr isir malajr u bl-aqwa mod. Illum il-ħafna benefatturi li offrew is-sehem tagħhom biex dan ix-xogħol isir jinsabu sodisfatti. Lil dawn u lil oħrajn kollha, li b'xi mod jew ieħor għenu biex dan ir-restawr jibda, aħna minn qalbna nirringrazzjawhom u napprezzaw l-għotja ġeneruża tagħhom biex tittaffa l-ispiża kbira li għad fadlilna nħallsu, imma almenu bdejna tajjeb. Kien jinħtieġ li jibda x-xogħol. Wara li titlesta l-koppla ngħaddu biex nirranġaw ukoll il-partijiet l'oħra li għandhom il-ħsara.